# ĦNIENA!

*(Qabel ma tiġi x-xitwa).*

Niżlet ix-xita fuq l-uċuħ maħsuda
U mnażżgħa minn kull ġmiel, mis-sbul, mill-ward;
U waqgħet bnina mis-smewwiet, Mulejja!
U raxxet b'ilmijietha ġuf il-art.

Imm'Int, Mulej, Int rajt kif ġens il-qirda
Qeridha l-art ħanina; u hi mhix trodd
Il-ħajja l'Int, o Ħniena! xtaqt tagħtina,
Għax dak li Inti bnejt ħallejtu jħott.

Rajna fuq Artna wkoll, flimkien max-xita
Tiegħek, qirda bla ħniena mis-smewwiet
Mitluqa: u ġġarrfu djarna... u Djarek! Djarek!..
Ġibilhom ħerba waħda ma' l-ibliet.

U ħares, ħares kif inqerdu wliedna...
It-tfal li tgħid li tħobb (hix ħasra dik?)
Imutu taħt għajnejna aktar magħduda
Minn ta' Betlem li nqatlu mħabba fik!

W issa, Mulej, xitwa oħra riesqa fuqna,
U donnha ġa tinxtamm riħa ta' demm;
U s-sħab ġej mgħaġġel, donnu jaf bil-qirda,
U donnu hawn is-skiet ta' qabel l-hemm.

Imm'Inti Ħniena. La tħallix il-qirda
Tinżel max-xita Tiegħek fuq din l-Art.
U jaqa' l-ilma Tiegħek, kollu ħajja,
Ħa nlibbsu l-Artal Tiegħek bl-isbaħ ward!

Ottubru 1942. FRAN. CAMILLERI.



## L-Onor. Dr. A. V. LAFERLA, C.B.E., LL.D.

***President Onorarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."***

Kull min għandu għal qalbu l-ġid ta' Malta u ta' wliedha nħasad meta fis-7 ta' Jannar ġriet mal-Gżira kollha l-aħbar li f'dik il-għodwa kien miet l-Onorabbli Dr. A. V. Laferla, C.B.E., LL.D., il-ħabrieki Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Fl-1920, meta d-"Direttur", kif kien magħruf minn kulħadd, ħa f'idejh id-Dipartiment ta' l-Iskejjel Elementari, hu kien jaf li t-triq li kellu quddiemu kienet mimlija twegħir, li x-xogħol kien iebes u jitlob rieda l-aktar qawwija u ħerqa l-aktar kbira. Iżda Dr. Laferla ma qatax qalbu u medd għonqu għax-xogħol. Hu minn dejjem kellu fidi sħiħa fit-tfal Maltin u kien jemmen li jekk Malta tagħraf tagħti edukazzjoni tajba lil uliedha, kien għad jasal iż-żmien meta hi tkun tista' b'wiċċha minn quddiem tgħid lid-dinja "ara x'isarrfu wliedi". Għalhekk id-Direttur beda jorganizza u jkabbar id-Dipartiment, li taħt it-tmexxija tiegħu, u bil-għajnuna ta' dawk li f'qalbhom Dr. Laferla nissel u rawwem il-ħrara li kienet tixgħel lilu, għamel passi ta' ġgant. Fl-1933, imbagħad, il-Gvern ħatar lil Dr. Laferla Direttur ta' l-Edukazzjoni u tah f'idejh il-Liċew u l-Iskejjel Sekondarji flimkien ma' l-Iskejjel Elementari. Issa x-xogħol issokta żdied u twiegħer aktar, imma d-Direttur baqa' miexi dritt fi triqtu, qawwi fil-fehma li kull sforz u ħidma kien qed iwettaqhom għall-ġid ta' art twelidu. U Malta kisbet riżq kbir mill-ħidma ta' Dr. Laferla

Infatti ma nkunux qegħdin ngħaġġbuha meta ngħidu li sehem kbir mill-ġieh u l-isem sabiħ li pajjiżna stħaqq u kiseb għall-qlubija li wrew uliedu fit-taqbid ta' dawn l-aħħar sentejn jafu lil Dr. Laferla, li għaraf jiżra' u jrawwem fi qlub it-tfal Maltin iż-żerriegħa tal-karattru Nisrani, ta' l-imħabba lejn Malta u l-wirt nazzjonali tagħha, kif ukoll tal-lijaltà lejn l-Ingilterra—żerriegħa, li kif tixhdu d-dinja kollha, tat frott tassew bnin. Dan kollu Dr. Laferla wettqu permezz ta' xempju ħaj li fuqu setgħu jimxu ż-żgħażagħ tagħna—ix-xempju ħaj kien hu stess li żviluppa fih in-nifsu l-virtujiet meħtieġa fil-veru ċittadin Malti.

Il-klassi u l-iskola ma kenux l-għodda waħdanin li bihom inqeda d-Direttur biex jilħaq l-għan tiegħu. L-istorja hi l-imgħallma tal-ġnus, u l-ġrajja tal-qawwijin iħeġġu għal ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi taż-żgħażagħ. Għalhekk, Dr.